DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 19/2010

tat-12 ta' Marzu 2010

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 832/2007 tas-16 ta' Lulju 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 197/2006 rigward l-użu ta' dawk li kienu oġġetti tal-ikel u l-estensjoni tal-validità tal-miżuri tranżitorji relatati ma' tali oġġetti tal-ikel ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 829/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 li jemenda l-Annessi I, II, VII, VIII, X u XI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti sekondarji tal-annimali ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 li jemenda l-Annessi I, II u VI tar-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward it-tqegħid fis-suq u t-trasport ta' prodotti sekondarji tal-annimali ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1576/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 92/2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mezzi ta' rimi jew użi ta' prodotti sekondarji tal-annimali ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

(7) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-Iżlanda bil-perjodu tranżitorju speċifikat fil-paragrafu 2 tal-Parti Introduttiva tal-Kapitolu I tal-Anness I għall-oqsma li ma kinux applikabbli għall-Iżlanda qabel ir-reviżjoni ta' dan il-Kapitolu b'Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 133/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([6]),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness I tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 9b (ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill) fil-Parti 7.1:

"— **32007 R 0829**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 829/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 191, 21.7.2007, p. 1),

— **32007 R 1432**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1432/2007 tal-5 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 320, 6.12.2007, p. 13)."

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 39 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 92/2005) fil-Parti 7.2:

"— **32007 R 1576**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1576/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 (ĠU L 340, 22.12.2007, p. 89)."

3. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 45 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 197/2006) fil-parti 7.2:

", kif emendat bi:

— **32007 R 0832**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 832/2007 tas-16 ta' Lulju 2007 (ĠU L 185, 17.7.2007, p. 7)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 832/2007, (KE) Nru 829/2007, (KE) Nru 1432/2007 u (KE) Nru 1576/2007 fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Supplement taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Marzu 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 135/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007, liema minnhom ikun l-aktar tard.

([1]) Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) ĠU L 185, 17.7.2007, p. 7.
([3]) ĠU L 191, 21.7.2007, p. 1.
([4]) ĠU L 320, 6.12.2007, p. 13.
([5]) ĠU L 340, 22.12.2007, p. 89.
([6]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 27.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Alan SEATTER